Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 3– It-Tnejn 19 t'Awwissu 2019**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fl-4:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Micallef | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

3.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

3.2 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

3.2.1 Inqraw il-minuti u gew ikkonermati

### 3.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

3.3.1 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu mal-Gozo Action Group, rigward applikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea li nistgħu napplikaw taħt il-kappa tagħhom. Il-Kunsll diġa bbenifika minn skema taħt dan il-grupp fosthom mill-proġett tal-Pjazza tad-Dehra. Ser ikun hemm 4 mizuri li taħthom nistgħu napplikaw li huma:-

- GAG1 - ICT media platform u gozitan lifestyle
- GAG2 - Gozitan Agriculture & Traditions
- GAG3 - Develop Gozo's all-season tourism product. Taħt din il-mizura wieħed jista japplika għall-proġett li jvarja bejn €95,000 u €180,000 u jista jsir flimkien ma' NGO jew Kunsill ieħor u li tista tvarja bejn attivitajiet u infrastura. Is-Sindku propona li f'din il-miżura għandna ndaħħlu l-proġett ta' rotot fil-kampanja u tisbieħ li jkunu ssapportjati b'country walk, printjar ta' fuljett informattiv u anke permezz ta' app apposta. Is-Sindku talab lill-kunsilliera biex jekk għandhom xi ideat oħra jgħadduhomlu.
- GAG4 - Nippromovu l-attrazzjonijiet biex iż-żgħażagħ u l-familji jgħixu f'Għawdex. Is-Sindku propona li għal din il-proposta għandna napplikaw sabiex nibdlu l-Playing Field tal-Gudja f'wieħed avventuruż u riskjuż li fih it-

tfal jitgħallmu jilgħabu permezz ta' challenges. Huwa propona li dan għandna nwettquh fuq konsultazzjoni ma' Learning Through Landscapes. Il-Budget massimu għal din il-miżura hija dik ta' €120,000. Il-Viċi Sindku Franco Ciangura staqsa jekk il-Playing Fields jikkwalifikawx għal dan. Is-Sindku wieġbu li dan ser ikun Playing Field b'differenza b'tali mod li joħloq attrazzjoni ġdida f'Għawdex li għad m'hawnx bħala. Huwa semma li hemm persuna li hija ntiża ħafna f'dan il-qasam u li tista' tgħinna f'dan ir-rigward. Il-kunsillier Stephen Mercieca ssuġġerixxa li għanda ninkludu wkoll boċċi pitch. Il-Viċi Sindku Franco Ciangura talab sabiex ma ninsewx indaħħlu bandla għad-disabled. Is-Sindku qal li persuni b'diżabilita żgur li se jkunu fil-pjan ta' kull proġett li se jsir. Sar qbil li għandna nipproċedu bil-preparamenti meħteġa. Sar qbil ukoll li s-Sindku għadu jibgħat il-guidelines ta' din il-miżura lill-kunsilliera.

3.3.2 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu huwa u s-Segretarja flimkien mas-Sindku tar-Rabat Għawdex u s-Segretarju Ezekuttiv biex flimkien napplikaw għall-applikazzjoni mnedija ma' Transport Malta għal *Permanent Sustainable Mobility Measures.* Is-Sindku ddeskriva l-proposta li napplikaw għall-*electric bus* komuni bejn iż-żewġ lokalitajiet li tagħmel rotta kontinwa ta' *shuttle bus* bejn iż-żewġ lokalitajiet b'waqfiet f'postijiet varji bħalma huma l-isptar u l-port tal-Imgarr. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u li għandna nipproċedu bl-applikazzjoni tagħna għal din il-kompetizzjoni.

3.3.3 Is-Sindku rrefera għaż-żjara li għamlet delegazzjoni minn Għajnsielem f'Tolfarte bħala waħda ta' suċċess kbir bħalma kienu tas-snin preċedenti. Il-kantanti minn Għajsielem li rrappreżentawna f'dan il-Festival internazzjonali ħadu gost u apprezzaw ferm din l-esperjenza. Is-Sindku rrimarka li l-ewwel ġurnata l-*venue* tal-kant kienet ftit diżappuntanti iżda fil-ġranet ta' wara, wara li lmentajna, tawna post ħafna aħjar fejn kien hemm udjenza ħafna akbar li apprezzat ferm it-talent malti. Is-Sindku semma' li l-kantanti lokali rringrazzjawna tal-opportunita' li tajnihom.

3.3.4 Is-Sindku Kevin Cauchi irrefera għal-laqgħa li kellu ma' uffiċjali tal-Inspire u *risk assessment officer.* Huma rreferew għall-problema tal-flooding li għandhom fejn talbuna biex insibu soluzzjoni. Is-Sindku propona li l-aħjar soluzzjoni hija li jiġi perit u flimkien naraw xi soluzzjonijiet li jistgħu jiġu applikati. Huwa semma' li l-uffiċjali talbuna wkoll għal signage aħjar u biex il-parking ta' quddiemhom jibqa *clear.* Is-Sindku semma' li dawn is-signs ġew ordnati.u se jitwaħħlu taħt mera li diġa hemm ordnata għal quddiem il-Każin tal-PN.

3.3.5 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu mal-Għaqda Legio X Fretensis rigward il-partecipazzjoni tagħhom f'Bethlehem f'Għajnsielem u rigward rapprezentanza minn grupp ta' suldati mir-Rumania. Il-Kunsill qabel ma' dan u li għandna nipproponu li għandna ngħidulhom sabiex possibilment jiġu fil-jiem ta' bejn it-13 u 15 ta' Dicembru peress li lkoll ikunu ġranet tal-ftuħ għall-pubbliku.

3.3.6 Is-Sindku rrefera għall-preparamenti li għaddejjin konnessi mat-tiġrija taż-żwiemel f'Għajsnielem. Huwa rrefera għat-talba li resqulna sabiex il-Kunsill jikkollabora. Sar qbil li għandna ngħinu billi nixtru xi trophies. Is-Sindku spjega kif Gozo Sports Board ser jagħtu r-railings board b'xejn. Huwa semma' wkoll li jinħtieġ l-ispiża biex iżarmaw u l-Ministru għal Għawdex ser tgħinhom ukoll . Sar qbil li bħal ta' kull sena nallokawlhom Triq J F de Chambray u l-għalqa fi Triq l-Imġarr ħdejn taċ-Ciantar biex jipparkjaw hemmhekk. Sar qbil ukoll li għandna nissupplixxu s-servizz ta' mobile toilet, bowser ilma , u sa mhux aktar minn €300 fi trophies. Il-Kunsill qabel li għandu jagħti n-No Objection għal din it-tigrija bil-kundizzjoni li jinkisbu l-permessi u l-assikurazzjonijiet kollha meħtieġa.

3.3.7 Is-Sindku rrefera wkoll għall-applikazzjoni li l-Kunsill ser jissottometti sabiex jippartecipa fil-Clean up the World fejn għaliha jista' jingħata sa' massimu ta' €1000. Il-Kunsill qabel li għandu japplika billi jitnaddaf il-Belveder ta' Sant'Eliju,, il-Belvedere ta' Triq iż-Żewwieqa u Wied Simirat. Sar qbil li l-ħaddiema u l-kunsilliera jippartecipaw ilkoll f'din l-attivita'.

3.3.8 Is-Sindku rrefera għall- inizzjattiva tal-inkluzzjoni LGBTI fil-komunita'. Il-Kunsill qabel mal-inkluzjoni ta' din il-komunita' u qablu li għandha ssir xi ħaġa permanenti. Sar qbil li l-Kunsiliera jaħsbu fuq post xieraq u kull suġġeriment jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

3.3.9 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-kuntatt li kellu mill-familjari tal-mejjet Robert Cowley u li jixtiequ jħawwlu siġra għall-memorja tiegħu u nħawwluha fejn nixtiequ aħna. Is-Sindku propona li għandha tithawwel xi **siġra** fil-planter tal-proġett tat-taraġ jew fil-Playing Field tal-Gudja jew ħdejn il-Monument tal-Gwerra u anke possibilment tista' tiżżejjen fil-Milied.

3.3.10 Is-Sindku rrefera għall-parteċipazzjoni tiegħu u tas-Segretarja għas-Seminar dwar fondi tal-LESA u skemi oħra organizzati mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Hawnhekk il-Kunsill Lokali Għajnsielem ġie preżentat bis-somma ta' €2622 li nistgħu nonfquhom fuq proġett wieħed partikolari. Is-Sindku propona li għandna nsebbħu fil-kantuniera fi Triq Borg Għarib kantuniera ma' Triq Simirat. Sar qbil li għandna ninkarigaw lill-Perit Shawn Miicallef biex jippreparalna pjanta tal-proġett ta' tisbieħ.

3.3.11 Is-Sindku rreferra għall-applikazzjoni li ġiet imnedija mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali in konnessjoni ma' Animal Shelter. Is-Sindku propona sabiex napplikaw għat-twaqqif ta' cat cafe f'Ta Passi u oħra fil-Gudja minħabba li jkun hemm numru ta' qtates u ta' cat feeders f'dawn l-inħawi. Huwa semma' li kkuntatjawh individwi minn Triq Baħħara għal dan il-proġett u sar qbil li jekk nikkwalifikaw nistgħu nestenduh għal dan il-post ukoll.

3.3.12 Is-Sindku rrefera għat-talba mingħand l-organizzaturi tat-tombla b'risq il-Muzeum u talbuna xi mwejjed u siġġijiet għax kull darba qed ikollhom jikruhom. Is-Sindku semma' kif bħala mwejjed sellifnihom tal-Kunsill peress li qedin hemm

għall-użu tal-għaqdiet kollha u akkwistajna tnejn oħra mingħand l-AFDA, filwaqt li bħala siġġijiet ġew provduti mill-Għaqda Banda Għajnsielem.

3.3.13 Is-Sindku rrefera għal fatt li t-Traffic Management Plan għal Triq iż-Żewwieqa jinsab lest u għandna ninkludu wkoll fih l-embellishement ta' madwar is-siġra u ninkludu fih id-disinn tal-mosaic li hemm preparat minn Mary Portelli biex jitwettaq minn Team Mosaic. Sar qbil li fil-laqgħa li jmiss għandna niddiskutuh biex nibgħatuh għall-approvazzjoni ta' Transport Malta. Sar qbil ukoll li fil-laqgħa li jmiss niddiskutu wkoll it-Traffic Management Plan tal-Parking area.

3.3.14 Is-Sindku Kevin Cauchi spjega kif bħala Sindku applika sabiex jipparteċipa fil-konferenza tal-Young Elected Politicians li ser issir fi Brussels bejn is-7 u l- 10 t'Ottubru. Huwa semma kif minn 700 applikazzjoni ntagħżlu 100 u hu kellu x-xorti li jkun mal-kandidati magħżula. Bħala spejjes, l-ajru u akkomodazzjoni ser ikunu koperti mill-Unjoni Ewropea.

3.3.15 Is-Sindku rrefera għall-fatt li s-siġar tal-Pjazza tad-Dehra jinħtieġ li jinżabru mmedjatament peress li l-Għaqda Armar iridu jarmaw xi pavaljuni u ma jistgħux peress li s-siġar kibru ħafna. Is-Sindku semma' li ppruvajna sabiex dawn jiġu miżbura mid-Dipartiment tal-Agrikultura iżda ma' laqgħux it-talba tagħna. Huwa semma' li sadanittant tlabna xi *quotations* u daħlitilna dik mingħand Xerri's Garden għall-prezz ta' €700. Il-Kunsill ra li hija somma kbira u qabel li għandu jistħarreġ mezz kif jinżabru bi prezz aktar baxx.

3.3.16 Is-Sindku rrefera għar-railing li kien hemm qabel sar il-proġett tat-taraġ u propona li nużaw parti minnu fl-ewwel parti ta' Triq Hamri ħdejn il-Playing Fields. Huwa talab lill-kunsilliera biex jekk għandhom xi ideat oħra fejn jista' jeħel biex jgħadduhom għad-diskussjoni.

3.3.17 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għal-cint fil-parti ta' Triq Xprunara li tagħti għal Triq Gużeppi Cauchi li jinħtieġ li jittranġa għax fil-passat kien inqala' xi ġebel biex jintuża għal Bethlehem. Sar qbil li dan għandu jittranġa. Huwa spejga kif fl-istess post hemm ħofra u qed tkompli tinqala' bl-ilma. Sar qbil li għandna nissurrawha u nagħmlulha l-*patching*.

3.3.18 Is-Sindku rrefera wkoll għall-htiega ta' patching fi Triq Għajnsielem kantuniera ma' Triq Gleneages. Sar qbil li peress li hemm area ftit kbira għandha tingħata bic-cement.

3.3.19 Is-Sindku rrefera għal talba mingħand xi residenti sabiex issir bus shelter fil-bus stop magħrufa Tal-Gliex li tinsab il-fuq nett mill-Knisja tal-Patrijiet. Sar qbil li jekk ir-regolamenti jippermettu għandna napplikaw għaliha. Sar qbil ukoll nistħarrġu jekk l-istess regolamenti jippermettux li ssir waħda fi Triq l-Imġarr fil-Bus Stop Lelluxa, oħra fi Triq Hamri ħdejn il-Belvedere u oħra fil-Pjazza. Ġiet diskussa l-possibilita' li ssir ħdejn ir-Radju Lauretana iżda ġie kkonfermat li hemm

hija proprjeta' tal-knisja. Sar qbil li sadanittant għandna nkomplu nistħarrġu dwar siti oħra.

3.3.20 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-problema li r-railing tal-Belvedere ta' Triq Hamri huwa għoli u talab dwar il-possibilita' li tinqala' railing minnhom. Sar qbil li għandna niċċekkjaw jekk dan jistax isir u jekk issirlux ħsara.

3.3.21 Is-Sindku rrefera wkoll għaż-żona tal-qalba tar-raħal fejn ġiet ikklassifikata bħala zona free mill-Heavy Vehicles li ġiet approvata mill-Kunsill preċedenti. Huwa talab li din irnexxiet iżda jinħtieġ li tiġi estiża. Il-Kunsill qabel ma' dan u sar qbil li għandna nikkuntatjaw lill-Perit Edward Scerri biex jippreparalna pjan sabiex niddiskutuh.

## 3.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

3.4.1 Il-kunsillier Larry Buttigieg irrefera għaz-zjara għal Tolfarte bħala suċċess u rrefera wkoll li waqt diskussjoni li kellu ma' Cristiano Dionisi huwa kkonfermalu li għal sena oħra għandna nikkonfermawlhom sa' Mejju n-numru ta' partecipanti minn naħa tagħna biex huma jkunu jistgħu jippreparaw għall-akkomodazzjoni.

3.4.2 Il-kunsillier Larry Buttigieg ressaq it-talba ta' resident fi Triq Gawwi peress li jinħtieġ metru *double yellow lines* fuq kull naħa tad-*drive-in* tiegħu.

3.4.3 Il-Kunsillier Larry Buttigieg irrefera wkoll għall-inċident tal-ħajt tal-parking u għal fatt li issa ġie rimedjat. Huwa propona li wara l-festa għandna niżbħu l-ħajt kollu. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. Hawnhekk is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-iskart li qed jintefa' fl-għelieqi ta' taħt u propona li ta min jagħmel xibka biex il-ħmieġ jinġabar go fiha. Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrefera għall-proposta li jistgħu jsiru xi gallariji li jservu bħala Belvedere. Hawnhekk il-Kunsill ma tantx kien favur peress li l-gallariji jiġu jħarrsu fuq residenzi privati.

3.4.4 Tresqet talba f'forma ta' mozzjoni mingħand il-kunsillier Stephen Mercieca sabiex ngħinu kemm nistgħu lill-qasam tal-Museum Subien Għajnsielem fil-proġett ta' *ground* bit-*turf* li finalment huwa għall-benefiċċju tat-tfal kollha t'Għajnsielem. Din il-mozzjoni giet approvata unanimament. Il-Kunsill qabel li lesti li ngħinuhom kif nistgħu u li għandna nitolbu laqgħa mas-Superjur tal-Qasam. Sar qbil li għandna nistharrġu kif nistgħu ngħinuhom u mnejn nistgħu nġibu l-finanzjament meħtieġ.

3.4.5 Il-kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex issir mera fi Triq l-Imgarr billi titwahhal fuq arblu quddiem ir-residenza tat-tabib Rapa. Sar qbil li għandna ngħaddu t-talba lill-Ministeru għal Għawdex peress li dik hija triq arterja.

3.4.6 Il-kunsillier Stephen Mercieca rrefera għad-diversi ncidenti li qed isehhu fi Triq l-Imgarr sabiex nishqu biex issir xi haga jew filkaz nipprotestaw. Is-Sindku rrefera għall-informazzjoni li t-Traffic Management Plan għal din it-triq huwa f'fazi finali u li għandna nagħmlu pressjoni dwar l-urgenza tiegħu.

3.4.7 Il-kunsillier Teddy Saliba irrefera għat-talbiet li kellu mingħand diversi residenti biex norganizza dawra bit-train madwar Għawdex u li fuqha l-Kunsill kien qabel. Huwa semma' li għamel stharrig mal-operatur ta' din it-train u li din tista ssir nhar is-17 ta' Settembru u tesa' 55 persuna. Sar qbil li din ser tigi nkluza mal-attivitajiet konnessi mal-European Mobility Week.

3.4.8 Il-kunsillier Teddy Saliba staqsa dwar kif inhu sejjer l-operat tal-Minibus għal-berġa. Is-Sindku spjega kif s'issa għal-berga ma tantx qed ikollna konkorezza qawwija iżda probabilment din tiżdied max-xhur tax-xitwa kif jibda l-maltemp. Huwa spjega kif fil-preżent l-akbar domanda li qed ikollna hija mingħand l-għaqdiet tal-lokal għal xi vieġi filgħaxijiet u kultant qed ikollna wkoll xi talbiet sabiex inwassluhom l-isptar. Il-Viċi Sindku Franco Ciangura fakkar li fl-applikazzjoni kien hemm stipulati li ser isiru ħarġiet għall-anzjani darba fil-ġimgħa u staqsa kif din giet estiża għall-għaqdiet tal-lokal. Is-Sindku kkonferma li l-ħargiet għall-anzjani ser jibdew isiru darba kull nhar ta' Hadd hekk kif tibda x-xitwa u spjega kif dakinhar tal-inawgurazzjoni Transport Malta ħeġġewna biex nagħmlu kull użu minnha u ħallewna liberi biex noperawha skond il-ħtigijiet li jkollna. Sar qbil li hekk kif inkunu ser nestendu s-servizz għandna noħorġu fuljett informattiv li jitqassam f'kull residenza. Il-kunsillier Teddy Saliba rrimarka li peress li dan is-servizz qed ikun operat mill-ħaddiem Frankie Saliba wara l-ħinijiet tax-xogħol u fil-weekends, jinħtieġ li dan jiġi rimbursat b'xi mod. Il-Viċi Sindku Franco Ciangura ssuġġerixxa li għandu jkun hemm persuna fuq dan is-servizz biss. Il-Kunsill ma qabilx ma' dan peress li ma jaffordjax din l-ispiża meta huwa moqdi bil-ħaddiem tiegħu stess li qed jagħmel dan ix-xogħol minn qalbu u b'dedikazzjoni. Il-kunsillier Teddy Saliba offra li jkun hu ta' servizz meta Frankie Saliba ikun indispost. Sar qbil għalhekk li lil Frankie Saliba għandna ntuh allowance ta' €100 fix-xahar konness mat-trips li jkollu wara l-hin tax-xogħol u fil-weekends.

3.4.9 Il-kunsillier Teddy Saliba ressaq it-talba tar-residenti minn Triq Hamri li jixtiequ *electric cars charging point* fil-Belvedere ta' Triq Hamri. Sar qbil li għandna naraw kif u x'jista jsir sabiex ikollna *charging points* madwar ir-raħal.

3.4.10 Il-kunsillier Teddy Saliba talab sabiex fil-Belvedere ta' Triq Hamri isiru signs Clean after your Dog. Is-Sindku spjegalu li diġa hemm ordnati tabbelli 'No Dogs allowed" għal dan il-post.

3.4.11 Il-kunsillier Larry Buttigieg staqsa jekk id-*dog bins* li ordnajna waslux. Is-Segretarja spjegat kif għandhom jaslu dalwaqt.

3.4.12 Il-kunsillier Teddy Saliba rrefera għall-ilmenti li waslulu li l-latrina tan-nisa tinsab maħmuġa. Gie spjegat kif normalment qed ikollna kummenti pozittivi peress li hemm cleaner gdida. Sar qbil li għandna nistħarrgu dan l-ilment.

3.4.13 Il-kunsillier Teddy Saliba rrefera għall-passagg li hemm quddiem il-Grand Hotel li jinħtieg li jitnaddaf. Sar qbil li għandna ngħaddu din it-talba lil EcoGozo.

3.4.14 Il-kunsillier Teddy Saliba talab sabiex nistiednu lill-Arċipriet għal-laqgħa miegħu. Is-Sindku qal li diga talab lil Arċipriet sabiex issir laqgħa ida huwa qallu li jinsab imħabbat bil-festa. L-Arċipriet qal lis-Sindku sabiex issir laqgħa bejn Kunsill u laqgħa miegħu u mal-Kunsill Parrokkjali wara l-festa.

3.4.15 Il-kunsillier Stephen Mercieca rrefera għat-tarag li jagħti għaż-Żewwieqa sabiex naraw nistgħux nirrangawh.

3.4.16 Il-kunsillier Stepehen Mercieca talab sabiex issir stand għall-iskart fi Triq ix-Xatt l-Aħmar.

3.4.17 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura skuża ruħu għal fatt li fl-aħħar laqgħa kellu jitlaq kmieni u għal fatt li l-laqgħa tkompliet u jista' jkun li ma kienx konxju ta' ċertu deċizzjonijiet. Huwa semma' li kien japprezza li kieku waqt l-inawgurazzjoni tal-minivan saret referenza li ġiet miksuba mill-kunsill preċedenti. Huwa talab ukoll li għandu jsir speċi ta' logbook li fuqu jiġi rrekordjat kull trip li jsir bil-minibus. Huwa rrefera wkoll li xtaq ikun infurmat bil-laqgħa li saret ma' dawk li ppartecipaw f'Tolfarte. Is-Sindku spjegalu kif normalment għal-laqgħa jkunu mistieden dawk biss li ser jippartecipaw. Rigward il-logbook tal-minivan, is-Sindku spjega li diġa qed jiġi rregistrat kull tip ta' booking b'min qed jagħmel uzu bil-Minivan.

3.4.18 Il-Vici Sindku Franco Ciangura talab sabiex issir mappa tar-raħal u fuljett informattiv u anke app. Sar qbil ma' dan u wkoll li dan jista jiġi wkoll inserit fi proġett ta' finanzjament mill-Unjoni Ewropeja. Is-Sindku qal li mappa simili se tkun parti mill-pjan ta' rotot organizzati fil-kampanja.

3.4.19 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura talab sabiex id-dgħajsa ta' Bethlehem tittella' minn ġox-xmara.

3.4.20 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrefera għal -Team Mosaic u fakkar sabiex nagħmlu l-maduma bil-firem li konna wegħdna li ser nagħmlu fil-Belvedere. Huwa talab sabiex nerggħu nħaddmu dan it-team ta' voluntiera li tant ħadu dan ix-xogħol bis-serjeta. Is-Sindku wieġbu li dan il-Kunsill ser ikompli jsaħħaħ dan it-Team u fil-

fatt f'temp qasir ser ilesti planter sabiħa ħafna li ser titpoġġa fit-taraġ fuq disinn ta' Mary Portelli. Is-Sindku spjega kif iħoss li lil dawn in-nies għandna ninċentivawhom aktar billi ma' kull proġett nagħtuhom xi ħaġa ta' apprezzament għax b'hekk inkunu qed ninkoraġuhom għal aktar proġetti fil-futur u la għandna team li qed jaħdem inkomplu nsaħħuh. Il-Kunsill qabel ma' dan u l-Viċi Sindku rrimarka li bħala rikonoxximent fil-passat dawn kellhom l-opportunita' li jitilgħu Tolfa.

## 3.5 Korrispondenza u Rapporti

3.5.1 Ġiet trattata l-korrisponsenza mingħand l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward l-fondi li ser jingħataw mill-Agenzji LESA sabiex kull Kunsill ikun jista' jfassal u jimplimenta inizzjattivi kulturali u soċjali. L-ammont allokat għal Kunsill tagħna huwa dak ta' €2622.23. Is-Sindku Kevin Cauchi propona sabiex dawn il-fondi nużawhom għall-proġett ta' tisbieħ fi Triq Borg Għarib kantuniera ma' Triq Simirat.

3.5.2 Ġiet trattata l-korrispondenza mingħand Mikhail-Sam Mifsud rigward in-No Objection biex tinżamm tiġrija taż-żwiemel konnessa mal-festa. Il-Kunsill qabel li ma għandux isib oġġezzjoni kemm il-darba jinkisbu l-permessi kollha neċessarji mill-awtoritajiet konċernati.

3.5.3 Ġiet trattata l-korripsondenza mingħand l-Għaqda Piroteknika 10 ta' Diċembru rigward *show* li ser jagħmlu u fejn talbu lill-Kunsill jisponsorja parti minn din l-attivita'. Il-Kunsill qabel li għandu jgħin b'xi mod f'din l-attivita' anke billi jiffinanzja l-ġarr tan-nar meħtieġ.

## 3.6 Update tal-Progetti/Xogħlijiet Pendenti

3.6.1 Proġett tat-Taraġ

3.6.1.1 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-proġett tat-taraġ u għal fatt li sa l-aħħar ta' din il-ġimgħa ser jinfetaħ għall-aċċess tal-pubbliku. Huwa spjega kif iltqajna ma' għadd kbir ta' problemi fosthom li t-tunnel li suppost kellu jintuża għal *cable* tad-dawl ma setax jintuża peress li magħluq b'imsiemer twal u biċċiet ta' njam u anke l-qies tiegħu ma jippermettix li jgħaddi bniedem minnu. Huwa spjega kif pruvajna nnaddfuh u anke li l-kuntrattur Road Construction li għamel it-trinka offra li jibgħat ħaddiem u jara jirnexxielux iżda kien kollu ta' xejn għax irnexxielu jikxef biss nofs it-taraġ. Kien hemm ukoll problema bil-Pipe tal-WSC għax ġiet fil-wiċċ u ridna inbaxxuh. Is-Sindku spjega kif li jonqos huwa li l-kuntrattur Richard Cauchi ser ikompli x-xogħol billi jwaħħal il-fanali sal-festa nkluż il-bozza ta' Triq Għajnsielem . Huwa spjega wkoll li r-railing ser ikun lest sal-festa wkoll iżda dak tan- naħa fejn hemm il-monument mhux ser jilħaq jitwaħħal. Huwa spjega li l-Monument wasal u jekk ser jitpoġġa sadanittant inpoġġu xi planters

bħala protezzjoni. Rigward il-planter il-kbira s-Sindku spjega kif ser naraw jekk l-ELC il-kuntratturi tal-Ministeru għal Għawdex jgħinuniex sabiex nimlewha bil-pjanti. Jekk ma jaccettawx insibu kumpanija li ttina parir . Is-Sindku rrefera wkoll għal fatt li kien hemm diversi madumiet maqsuma u nġibdet l-attenzjoni lill-kuntrattur u fil-preżent qed ibiddel il-madum ħażin taħt is-supervizzjoni tal-perit. Kullma fadal huwa li fil-jumejn li ġejjin isir it-tindif u jkomplu jħallbu l-madum. Sar qbil li għandna nikkuntatjaw lill-artist tal-monument sabiex nippjanaw it-twaħħil tiegħu.

3.6.1.2 Il-Vici Sindku Franco Ciangura rrimarka li l-kuntrattur għandu jkun responsabbli għall-izbalji fosthom tat-tunnel u jitnaqqsulu xi ammonti. Is-Sindku assigurah li żgur li ser jinżamm xi tip ta' *'retention money'* mill-pagament finali. Il-Viċi Sindku talab ukoll sabiex ħdejn il-monument issir plakka fejn fuqha titpoġġa deskrizzjoni tal-kunċett tal-monument.

### 3.6.2 Librerija

3.6.2.1 Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni li ssottomettejna bħala Kunsill sabiex napplikajna għall-fondi taħt l-iskema tal-libreriji sabiex nappgrejdawha . Huwa spjega kif l-air condition twaħħal u ntlaqa' tajjeb ħafna. Is-Sindku propona li għandna nittrasformaw totalment id-dehra tal-librerija u nagħmluha attraenti biżżejjed biex tiġbed lill-qarrejja speċjalment lill-qarrejja ż-żgħar. Is-Sindku semma kif id-disinjatur minn Għajnsielem Paul Stellini ħa ħafna nteress f'dan il-proġett. Il-Kunsill qabel li għandu jinkarigah sabiex jipprepalna disinn biex inkunu nistgħu nibdew l-upgrading meħtieġ.

### 3.6.3 Triq Briegħen/Xatt l-Aħmar

3.6.3.1 Is-Sindku rrefera għal- laqgħa li saret fuq il-post flimkien mal-Perit Xerri, il-Perit tar-Road Construction Josmar Vella, u s-sub contractor Nicky Saliba. Is-Sindku spjega li kif kien maqbul Triq ix-Xatt l-Aħmar trid issir trinka fin-nofs minħabba l-permess tal-ERA u x-xogħol mistenna jinbeda fil-jiem li ġejjin. Rigward ix-xogħol fi Triq il-Briegħen jinsab wieqaf għax jinħtieġ in-*No objection* tal-Arkeoloġija. Is-Sindku rrefera għall-talba ta' ħtieġa ta' belliegħa f'parti minn din it-triq biex tintuża mill-bdiewa. Sar qbil li għandna nakkwistaw il-kunsens ta' sid l-għalqa li ser issir quddiemu u wkoll irridu naraw l-istima tal-ispejjes tagħha qabel niddeċiedu dwarha. Sar qbil li peress li jidher li x-xogħol ser jiehu fit-tul għandna napplikaw immedjatament għall-estensjoni oħra.

### 3.6.4 Bdil ta' bozoz fic-ċentru tar-raħal

3.6.4.1 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-eżerċizzju ta' bdil ta' bozoz fic-Centru tar-raħal u li ntlaqa' tajjeb ħafna. Għad fadal xi bozoz li mhumiex lesti u qed jinbidlu minn

Norbert Cauchi bl-assistenza tal-ħaddiema tal-Kunsill. Huwa spjega kif wara li daħlitilna ċ-ċirkulari dwar il-Pink October ġietu l-idea li hekk kif il-monument ta' Pjazza 10 ta' Diċembru għandu kif ġie restawrat, għandu jiġu fornut bi spot lights li jibdlu l-kulur biex jinxtegħlu skond l-okkażżjoni.

## 3.7 Pjan fit-tul dwar Progetti u Toroq għal din il-leġislatura

3.7.1 Sar qbil li din il-materja għandha tigi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 3.8 Attivita 'EMW Week' u Kompetizzjoni

3.8.1 Is-Sindku Kevin Cauchi bi pjaċir habbar li l-applikazzjoni li l-Kunsill issottometta sabiex jorganizza ġimgħa attivitajiet konnessi mal-European Mobility Week li ser tinżamm bejn is-16 u t-22 ta' Settembru ġiet magħżula mar-rebbieħa u l-kunsill ser jingħata s-somma ta' €2500 biex ikun jista' jorganizza dawn l-attivitajiet. Is-Sindku spjega l-programm ta' gimgħa attivitajiet mimlija daqs bajda u li jilħqu lil kull eta. Il-Kunsill qabel mal-kontenur u sar qbil li għandna navviċinaw minnufih lil Cash & Band biex ikun il-qofol ta' dawn il-ġimgħa t'attivitajiet billi jinżamm kunċert.

## 3.9 GħajnsielemFest

3.9.1 Is-Sindku spjega kif kollox jinsab lest f'dik li hija organizzazzjoni ta' Għajnsielemfest. Il-preżentaturi u l-*main singers* huma konfermati. Huwa spjega kif il-Ministeru għal Għawdex sejjer ukoll ikun sponsor ta' din l-attivita' billi ser jisponsorjolna b'€500 f'dawl.

3.9.2 B'referenza għat-talba li ressaq il-baritonu Charles Buttigieg biex jitħallas is-somma ta' €350 għal parteċipazzjoni tiegħu f'Għajnsielemfest , il-Kunsill raha li taqbeż il-budget li għandna. Sar qbil li għandna noffrulu li nħallsu €100 u €100 lill-pjanist li ser ikun jakkumpanjah. Sar qbil li l-kantanti stabiliti għandhom jitħallsu mhux aktar minn €100.

## 3.10 Festa Madonna ta' Loreto 2019

3.10.1 Is-Sindku rrefera għal fatt li għal din is-sena għandhom jigu ntrodotti *recycled bins* biex issir is-separazzjoni tal-iskart. Il-kunsill qabel ma' dan.

3.10.2 Is-Sindku rrefera li bħala tindif ser isir bħas-soltu u jekk ikun jinħtieġ nistgħu nqabbdu l-*mechanical sweeper*.

## 3.11 Ftehim ta' Ħbiberja mal-Ħamrun

3.11.1 Is-Sindku semma' kif il-Kunsill tal-Hamrun laqa' bil-qalb it-talba tagħna u ser ikunu prezenti fostna għal Għajnsielemfest. Sar qbil li qabel għandna niltaqgħu magħhom fl-Uffiċju tal-Kunsill u b'hekk ikollna l-opportunita' li nibdew sensiela ta' tahdidiet u attivitajiet.

### 3.12 Preparamenti għaż-żjara mill-grupp ta' Tolfa

3.12.1 Is-Sindku spjega kif għal din il-festa ser ikollna grupp sabiħ minn Tolfa u ser jigu akkomodati mas-sorijiet ta' Lourdes. Bħas-soltu aħna nħallsu numru ta' parteċipanti minnhom iżda l-kumplament ser iħallsu huma.

### 3.13 Hatra ta' Ambaxxatur taż-żgħażagħ

3.13.1 Din il-materja giet posposta għal-laqgħa li jmiss.

### 3.14 Approvazzjoni tal-Pagamenti

Giet prezentata l-iskeda tal- pagamenti u gew approvati.

### 3.15 Materji oħra

3.15.1 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

### 3.16 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

3.16.1 Il-laqgħa mtemmet fit-8:30pm u gìet aggornata għal nhar l-Erbgħa 25 ta' Settembru 2019 fl-4:30pm.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Ezekuttiv**